MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 75/2012

VAB & Company Limited (C 10327)
vs
Marisa Camilleri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

Illi s-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimata permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet fuq citati fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf u erbghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€23,040.37) gja disat elef, tmien mija u wiehed u disghin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm9,891.23) kwantu ghal Lm5,000 *sorte*, Lm4,366.67 imghax oltre imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, Lm471.16 spejjez u Lm53.40 taxxa fuq il-valur mizjud;

Illi ghaddew aktar minn hdax-il sena minn meta dan it-titolu ezekuttiv seta' gie ezegwit;

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi biex thallas;

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-Qorti joghgobha tirravviva d-drittijiet tas-socjeta` attrici esponenti kontra l-intimata u b'hekk il-kreditu jerga' jsir titolu skond il-Ligi u jkun jista' jigi ezegwit kontra l-intimata, u dan taht il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha timponi.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat li ghalkemm saret in-notifika bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni l-intimata baqghet ma pprezentat ebda risposta.

**B. PROVI**

Rat is-sentenza tat-28 ta' Frar, 2001 748/99 kif ukoll it-taxxa ta' l-istess kawza. Rat in-nota spjegattiva dwar imghax a fol 35 tal-process minn fejn jirrizulta l-ammont ta' imghax dovut bhala Lm4,361.64:

"Li permezz taghha, taghmel riferenza ghar-rikors intavolat mis-socjeta' esponenti ghar-ravvivar tad-drittijiet taghha kontra l-intimata fuq il-kreditu ta' tlieta u ghoxrin elf u erbghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€23,040.37) gja disghat elef, tmien mija u wiehed u disghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm9,891.23) konsistenti f'hamest elef lira (Lm5,000) *sorte*, erbat elef, tliet mija u sitta u sittin lira u sebgha u sittin centezmu (Lm4,366.67) imghax oltre imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, erba' mija u wiehed u sebghin lira u sittax-il centezmu (Lm471.16) spejjez u tlieta u hamsin lira u erbghin centezmu (Lm53.40) taxxa fuq il-valur mizjud. Taghmel riferenza wkoll ghall-kjarifika rikjesta mill-Qorti ghal kif is-socjeta' esponenti waslet ghall-ammont ta' Lm4366.67 imghax fuq is-*sorte*.

Li a tenur tal-istess talba, is-socjeta, esponenti tispjega li dan l-ammont waslet ghalih billi giet applikata r-rata ta'

imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) ghas-somma ta’ Lm5,000 sorte sad-data tal-prezentata tar-rikors fit-23 ta’ Jannar, 2012, bazikament hdax-il (11) sena u tliet mija u tletin (330) gurnata imghax ammontanti ghal erbat elef, tliet mija u wiehed u sittin ewro u erbgha u sittin centezmu (Lm4361.64).”

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi minn dan kollu jidher li:

In-notifika ta’ l-intimata saret permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni.

Gew ezibiti d-dokumenti relattivi in sostenn tat-talba.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba attrici.

Spejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------